MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 1/2002/2

**Josephine mart Carmel Bugeja u b'digriet tat-3 ta' April 2009 *stante* l-mewt ta' Josephine Bugeja fil-mori tal-kawza l-atti gew trasfuzi f'isem Raymond Bugeja.**

**vs.**

**Avukat Generali, Mary Vella, Anthony Annati, Teresa Cardinali, John Mary Annati, u Margaret Valletta u b'digriet tad-9 ta' Ottubru 2002, l-Avukat Dottor Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw l-interessi ta' John Mary Annati li miet waqt li kienet miexja l-kawza u b'digriet tat-22 ta' Ottubru 2002, *stante* l-mewt ta' Anthony Annati, il-gudizzju gie trasfuz f'isem**

**Paul, George u Erminia ahwa Annati u b'digriet tat-30 ta' Gunju 2008 wara l-mewt ta' Mary Vella nee` Annati l-atti qed jigu trasfuzi f'isem Alfred u Peter Paul ahwa Vella, u b'digriet tat-3 ta' April 2009 il-gudizzju ghal Teresa Cardinali li mietet fil-mori tal-kawza gie trasfuz f'isem Rosario Cardinali u Augusto Cardinali, u b'digriet tat-3 ta' April 2009 il-kuraturi Dottor Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja gew estromessi mill-kawza u ghall-mejjet John Mary Annati assumew l-atti Maria Annati armla ta' John Mary Annati, Maria Victoria mart Mario Barbara, Rita mart Saviour Cassar, Pierre Annati u Joseph Annati**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni ta' Margaret Valletta (KI 637936M), Paul, George u Erminia ahwa Annati, Alfred u Peter Paul ahwa Vella, Rosario Cardinali u Augusto Cardinali, Maria armla ta' John Mary Annati, Maria Victoria mart Mario Barbara, Rita mart Saviour Cassar, Pierre Annati u Joseph Annati datata 8 ta' Marzu 2010 fejn esponew:-

B'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti moghtija fis-7 ta' Dicembru, 2009, illi rrevokat is-sentenza li nghatat mill-Qorti Civili, Prim'Awla fit-3 ta' Ottubru 2008 fil-kawza fl-ismijiet premessi, gie deciz illi ghandhom jintlaqghu t-talbiet migjuba fir-rikors promotorju maghmul fil-5 ta' Frar 2002 fis-sens biss illi:

(1) gie dikjarat illi l-applikazzjoni tal-**artikolu 12 (4), (5)** u **(6) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta** ghall-proprjeta` msemmija fl-istess rikors promotorju tilledi d-dritt fondamentali tar-rikorrenti, u llum ta' Raymond Bugeja, ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom kif protett bl-**artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**, u

(2) gie dikjarat illi s-sentenza li kienet inghatat mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet **Mary Vella et vs Josephine Bugeja et** (Citazzjoni 432/86/JSP) hija, b'effett mid-data tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti, minghajr effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u ghalhekk mhux ezegwibbli.

Huma pacifici l-fatti li wasslu biex saret din il-kawza, jigifieri:

(i) Josephine Bugeja kienet ko-proprjetarja ta' porzjon art f'Rahal Gdid gja` koncessa b'titolu ta' enfitewsi temporanja, ghall-perjodu ta' 99 sena, bis-sahha ta' kuntratt in atti n-Nutar Giuseppe Trapani tad-29 ta' Novembru 1887, bic-cens annwu u temporanju ta' zewg liri, tnejn u erbghin centezmu, u hames millezmi (Lm2.42,5).

Mary Vella, Anthony Annati, Teresa Cardinali, John Mary Annati u Margaret Valletta kienu akkwistaw l-utili dominju temporanju ghaz-zmien li kien fadal tal-art hawn fuq imsemmija. L-enfitewsi temporanja relativa skadiet fil-11 ta' Novembru 1986, u fl-20 ta' Mejju 1987 giet presentata citazzjoni mill-istess utilisti fil-konfront ta' Josephine Bugeja fil-Qorti Civili, Prim'Awla biex skont l-**artikolu 12 (4), (5)** u **(6) tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta** Josephine Bugeja tigi ordnata li tersaq ghall-att ta' konverzjoni tat-titolu ta' enfitewsi temporanja, fuq riferit, f'titolu ta' enfitewsi perpetwa, bic-cens imsemmi ta' Lm2.42,5 multiplikat ghal sitt darbiet.

(ii) B'sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Prim'Awla fl-11 ta' Gunju, 1993 Josephine Bugeja **giet ordnata tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att ta' konverzjoni tat-titolu ta' enfitewsi f'wiehed perpetwu.** Din is-sentenza giet appellata, u l-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru 2001 **ikkonfermat is-sentenza li kienet inghatat.**

Josephine Bugeja ilmentat, bil-kawza li ntavolat, illi l-**artikolu 12 (4), (5)** u **(6) tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet** kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fid-9 ta' Ottubru 2001, ivvjolaw id-drittijiet fondamentali taghha kif

protetti fl-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u fl-**artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**. Hija talbet, **fil-konfront tal-imharrkin l-Avukat Generali, Mary Vella, Anthony Annati, Teresa Cardinali, John Mary Annati u Margaret Valletta,** illi l-Qorti joghgobha taghti r-rimedji xierqa u opportuni kif mahsub fl-**artikolu 4 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** kif ukoll fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet, fosthom **dikjarazzjoni li l-emendi introdotti bl-Att XXIII tal-1979 u specifikatament l-artikolu 12 (4), (5) u (6) ta' dak l-Att jilledu l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u ghalhekk huma nulli.** Josephine Bugeja talbet ukoll illi **s-sentenza** li kienet giet moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru 2001, kif inghad, ugwalment tilledi d-drittijiet fondamentali taghha kif protetti fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni.

Din l-Onorabbli Qorti wara illi kkunsidrat li huwa *l-kaz* li l-lanjanza ta Josephine Bugeja mhix gustifikata fis-sens illi sehh xi tehid forzuz formali jew *'de facto'* tal-proprjeta` taghha kif mahsub skont l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** (paragrafu 42 tas-sentenza), ghaddiet biex ikkunsidrat illi (a) ***'ratione temporis'*** l-'interferenza' mad-drittijiet fondamentali pretizi "bdiet wara d-data msemmija fl-**artikolu 7 tal-Kapitolu 319**" (paragrafu 45 tas-sentenza), u ghalhekk ghandu jitqies li l-appellanti "kellha kull dritt tipprova tottjeni rimedju" (ibid) **billi tinvoka l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea; u (b) ghalkemm** la d-disposizzjoijiet tal-**artikolu 12 (4), (5)** u **(6) tal-Kapitolu 158**, u lanqas is-sentenza li kienet inghatat mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru 2001, kif diga` inghad, **ma jistghu jigu dikjarati nulli,** l-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell **'ghanda b'sehh mid-data tas-sentenza odjerna titqies li hija minghajr effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u kwindi mhux ezegwibbli'** (paragrafu 67 tas-sentenza).

L-esponenti jghidu umilment illi bis-sentenza hekk moghtija minn din l-Onorabbli Qorti **giet applikata l-ligi hazin,** kif mahsub skont l-**artikolu 811 (e) tal-Kodici ta' Procedura Civili**; u minbarra hekk illi fl-istess sentenza

**hemm disposizzjonijiet kontra xulxin,** kif mahsub skont l-**artikolu 811 (i)** hawn citat. L-esponenti jghidu dan ghar-ragunjiiet li gejjin:

**1. L-inammissibbilta` tal-azzjoni ratione temporis skont il-Kapitolu 319 (artikolu 7).**

Din l-Onorabbli Qorti bbazat ir-ragonament taghha, li wassal biex l-azzjoni tar-rikorrenti titqies ammissibbli **ratione temporis,** kif gej:

(a) “....kien biss fl-20 ta’ Mejju 1987 (u ghalhekk wara t-30 ta’ April 1987) li tali dritt intalab li jigi enforzat gudizzjarjament bic-citazzjoni li giet prezetnata fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili kontra Josephine Bugeja. Huwa **l-ezercizzju ta’ dak id-dritt fil-prattika u b’mod konkret, u mhux l-esistenza tieghu fl-astratt,** li jista’, fkaz bhal dak in esami, talvolta jammonta ghal lezjoni ta’ dritt fondamentali” (paragrafu 45 tas-sentenza).

(b) Il-Qorti Ewropea rritjeniet, fis-sentenza **“Amato Gauci vs Malta”** moghtija fil-15 ta’ Settembru 2009, "that the application of legislation affecting landlords' rights over many years constitutes a continued interference for the purposes of Article 1 of Protocol No 1"; u ghalhekk f’dak il-kaz gie konsidrat illi setghet issir l-applikazzjoni relativa partikolarment skont l-**artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenjoni.**

L-**artikolu 7 tal-Kapitolu 319** jghid illi “ebda ksur tal-**artikoli 2 sa 18 tal-Konvenzjoni** jew tal-**artikoli 1 sa 3 ta’ l-Ewwel Protokoll** li jsir qabel it-30 ta’ April 1987.......... ma ghandu jaghti lok ghal xi azzjoni taht l-**artikolu 4”**. Jinghad bir-rispett illi hawnhekk il-ligi taghna, kif formolata fil-**Kapitolu 319**, **la riedet u lanqas qalet illi jista’ jkun hemm xi forma ta’ interpretazzjoni** tal-**artikolu 7** hemm citat. Jekk, kif qalet din l-Onorabbli Qorti, huwa l-esercizzju tad-dritt “fil-prattika u b’mod konkret” li jista’ talvolta jammonta ghal lezjoni ta’ dritt fondamentali, kemm aktar huwa l-kaz guridikament illi **dak id-dritt ma seta’ jkollu l-ebda esistenza kwalsiasi hlief in forza tal-ligi li wellditu (l-Att XXIII ta' l-1979)?**

U jekk din l-Onorabbli Qorti qieset illi kien **wara t-30 ta' April, 1987** illi ntalab li t-titolu ta' enfitewsi temporanja jigi konvertit f'wiehed ta' enfitewsi perpetwa, f'dan il-kaz, x'kienet tkun allura l-posizzjoni fil-kaz illi tali talba saret **qabel it-30 ta' April, 1987?** L-esponenti umilment jaghmlu dan il-kwezit ghaliex skont il-linja ta' demarkazzjoni **ratione temporis** stabbilita fl-**artikolu 7 tal-Kap. 319** ma jista' jkun hemm l-ebda possibbilta` guridikament plawsibbli li jigi divorzjat "id-dritt" mil-ligi li kif inghad wellditu. Xort'ohra sahansitra tigi kreata l-ingustizzja bazilari li min inqeda bid-"dritt" qabel it-30 ta' April 1987, **anke jekk sallum qed jarreka "*a continued interference*"** kif fehmet il-Qorti ta' Strasbourg **(Amato Gauci vs Malta, ibid),** ikun qed jigi vantaggjat a skapitu ta' min gie li nqeda bl-istess dritt wara t-30 ta' April, 1987.

Bir-rispett jinghad illi li dan kellu jigi konsentit tkun qed tigi mwettqa diskriminazzjoni attiva li l-istess ordinament guridiku propost mill-Konvenzjoni Ewropea **jipprojbixxi.** Huwa ghalhekk li jinghad bir-rispett illi l-ligi taghna, bil-formolazzjoni tal-**artikolu 7 tal-Kap. 319 la riedet u wisq anqas qalet** illi l-ksur **ratione temporis** jista' b'xi mod jigi mhallat mal-ipotesi ta' "*continued interference*", irrispettivament mil-ligi partikolari **li minnha jemani d-'dritt' u meta dik il-ligi tkun giet mghoddija.**

**2. Id-disposizzjonijiet fis-sentenza ta' din l-Onorabbli QortI.**

Is-sentenza tghid hekk:

"..... fil-fehma ta' din il-Qorti l-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' Strasbourg u l-principji guridici minnha enuncjati fl-imsemmija sentenza (jigifieri Amato Gauci vs Malta) japplikaw *mutatis mutandis* ghall-**artikolu 12 (4), (5)** u **(6) tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta** u konsegwentement ghall-kaz in ezami. Kif gja inghad iktar 'l fuq **l-effett legali u prattiku tal-artikolu 12 (4), (5) u (6) tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta hu li l-padrun dirett ma jistax jiehu pussess fiziku tal-proprjeta` tieghu in kwantu tigi soggetta ghat-titolu ta' enfitewsi perpetwa favur ic-**

**censwalist, bil-possibilta` tal-fidi tac-cens *a tenur* tal-artikolu 1501 tal-Kodici Civili li jwassal ghat-temma ta' dawk id-drittijiet tal-padrun dirett konsegwenzjali ghac-cens"** (paragrafu 57 tas-sentenza).

Wara li ddisponiet hekk dwar **l-effett legali u prattiku** tad-disposizzjoriijiet tal-ligi citati, fejn sahansitra inghad li tista' issehh <u>it-temma</u> tad-drittijiet tal-padrun dirett, din l-Onorabbli Qorti qieset li ghandha tikkunsidra **'r-rizultati prattici'** li l-applikazzjoni tal-imsemmi artikolu tal-ligi tohloq fil-kaz in esami' (paragrafu 58 tas-sentenza).

Imbaghad ghar-rigward **tas-sentenza** moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru 2001, riferita hawn fuq, din l-Onorabbli Qorti tghid hekk:-

Il-Qorti tal-Appell ibbazat il-konsiderazzjonijeit taghha li wassluha ghall-gudizzju finali fir-rigward tal-appell interpost minn Josephine Bugeja mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' Gunju 1993, u konsegwentement fil-meritu ta' dawk il-proceduri, **fuq provvedimenti tal-ligi li dak iz-zmien kienu meqjusin legalment validi u effikaci** (sottolinear tal-esponenti). B'hekk dak iz-zmien kien hemm il-presupposti kollha legali ghall-validita` ta' dik is-sentenza u din il-Qorti llum ma tistax retro-attivament tiddikjaraha nulla. *Inoltre*, strettament **dawk il-presupposti legali anke ghall-validita` tal-istess disposizzjonijiet (cioe` l-artikolu 12 (4), (5) u (6)) ghadhom hemm fit-teorija, ghax kull ma qed jigi deciz bis-sentenza odjerna huwa li l-applikazzjoni ta' dawk id-disposizzjonijiet ghall-kaz konkret u, ghall-fatti specje partikolari tal-istess kaz hija leziva tad-drittijiet tal-appellanti'.** B'fatti specje differenti jista' facilment jirrisulta li ma jkun hemm l-ebda lezjoni simili".

Skont is-suespost jinghad bir-rispett kif gej:

i. Jekk 'l-effett legali u prattiku' tal-**artikolu 12 (4), (5) u (6), tal-Kap. 158 tal-Ligijiet f'kull kaz** huwa dak li jwassal biex anke jintemmu definitivament id-drittijiet tal-padrun dirett, skont is-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti, u

**ratione temporis** kellu jigi ritenut illi **fkull kaz dan** jammonta ghall-ksur tal-Konvenzjoni Ewropea minhabba “*a continued interference*” (supra), kif setghet din l-Onorabbli Qorti minghajr ma tinkorri l-kontradditorjeta` (**artikolu 811 (i) tal-Kap 12)** fid-disposizzjonijiet taghha tiddeciedi “li **l-applikazzjoni** tal-ligi, il-Kap **158, unikament ghall-proprjeta` imsemmija fir-rikors promotorju, li** bi ksur tal-**artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal- Konvenzjoni?**

ii. Xi jfisser, guridikament, li l-presupposti legali anke ghall-validita` tal-istess disposizzjonijiet (cioe` l-**artikolu 12 (4), (5)** u **(6))** ghadhom hemm **fit-teorija,** jekk is-sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti ddecidiet minghajr ebda ombra ta’ dubju li dawk id-disposizzjonijiet mhumiex konformi, fil-fehma taghha mal-**artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvezjoni**?

iii. Jekk il-presupposti legali **anke ghall-validita`** tad-disposizzjonijiet pertinenti tal-ligi **ghadhom hemm fit-teorija** kif setghet din l-Onorabbli Qorti “**twaqqaf”** l-effetti tas-sentenza li inghatat mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta’ Ottubru 2001? Kif tista’ tirritjeni, min-naha l-wahda, illi **fit-teorija** tezisti ligi **li sallum ma gietx dikjarata invalida**, u min-naha l-ohra tirritjeni li **sentenza** tal-Qorti tal-Appell munita bil-presupposti kollha li trid il-ligi ghall-validita` taghha ghandha titqies li millum ‘il quddiem “**hija minghajr effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u kwindi mhux esegwibbli”** (paragrafu 67 tas-sentenza)?

L-esponenti ghalhekk, ghar-ragunijiet hawn fuq imfissra, jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tapplika d-disposizzjonijiet tal-**artikoli 811 (e) tal-Kap 12** billi tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija fis-7 ta’ Dicembru 2009 fil-kawza fl-ismijiet premessi, u tordna r-ritrattazzjoni tal-istess.

Ra li l-atti tal-kawza hawn ritrattata gew imdahhlin fit-12 ta’ Marzu 2010 (fol 10).

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata 22 ta’ Marzu 2010 a fol 12 tal-process fejn espona:-

Illi huwa ma joggezzjonax ghat-talba ta' ritrattazzjoni tas-sentenza tas-7 ta' Dicembru 2009 meritu tar-rikors in risposta.

Rat ir-risposta ta' Raymond Bugeja ghar-ritrattazzjoni mitluba minn  Margaret Valletta, Paul, George, u Ermina ahwa Annati, Alfred u Peter Paul ahwa Vella, Raosario Cardinali u Augusto Cardinali, Maria Annati, Maria Victoria Barbara, Rita Cassar, Pierre Annati u Joseph Annati. Datata 23 ta' April 2010 a fol 16 tal-process fejn espona: -

Illi r-ritrattat ghadu ma giex notifikat formalment bir-rikors ghal ritrattazzjoni li gie pprezentat mir-ritrattandi fit-8 ta' Marzu 2010 izda permezz tal-prezenti qed jaghti ruhu b'notiflkat u jirrispondi ghall-istess u dan bil-hsieb li jiffavorixxi l-ispeditezza tal-proceduri odjerni.

Illi r-ritrattandi qeghdin jibbazaw it-talba taghhom ghal ritrattazzjoni fuq is-**subinciz (e) u (i) tal-artikolu 811 tal-Kodici ta Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta)** u b'hekk qed jallegaw illi s-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti tikkontjeni applikazzjoni hazina tal-ligi kif ukoll disposizzjonijiet kontra xulxin. Madanakollu l-esponent qed jopponi ghal din it-talba u jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrigetta t-talba ghas-smigh mill-gdid tal-kawza u dan billi ma tezisti l-ebda bazi fuq liema tista' tintlaqa' t-talba tar-ritrattandi u l-allegazzjonijiet minnhom maghmula fir-rikors promotur huma lkoll infondati.

Preliminarjament l-esponent jirreferi ghas-sentenza moghtija fl-20 ta' Frar 2003 moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawza fl-ismijiet **Domenico Savio sive Savio Spiteri et vs Avukat Generali et** u b'mod partikolari ghas-segwenti bran mehud minn tali sentenza:

*"L-argument ta' kemm jista' jsir smigh mill-gdid ta' kwestjoni ta' natura kostituzzjonali giet deciza mill-Qrati taghna. Ghalkemm kien hemm xi okkazzjoni fejn il-Qrati dehru li kienu mhajrin jaccettaw ritrattazzjoni ta'*

*decizjonijiet kostituzzjonali, jidher li llum il-linja l-izjed milqugha u segwita mill-Oghla Qrati Maltin hi fis-sens li dak l-istitut ta' natura eccezzjonali fid-Dritt Procedurali Malti ma kienx jista' jestendi ghal proceduri mehudin ghal rimedju dwar allegat ksur ta' jedd fondamentali mahsub taht il-**Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni** jew taht id-disposizzjonijiet tal-**Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta**."*

Kien proprju din il-linja ta' argument li wasslet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeciedi hekk:

*"Tilqa' l-ewwel ecezzjoni tal-intimat Avukat Generali, u tiddikjara li r-rikors promotur iqanqal kwestjoni li hija fiergha billi m'huwiex moghti li xi hadd jitlob minn din il-Qorti decizjoni ta' allegat ksur ta' drittijiet u libertajiet fondamentali li diga` ghaddiet f'gudikat b' sentenza ta' Qorti kompetenti".*

Illi r-ritrattazzjoni hawn mitlub hija mahsuba proprju sabiex tattakka sentenza fejn inghata rimedju lill-esponent ghall-ksur tad-dritt fondamentali tieghu ghad-dgawdija tal-propjeta`. Ghaldaqstant l-esponent jissottometti li *a tenur* tat-taghlim fuq citat, ir-ritrattandi ma kellhom l-ebda jedd li jirrikorru ghal procedura ta' ritrattazzjoni sabiex jattakaw il-gudikat li huwa ta' natura kostituzzjonali u ghalhekk ir-rikors promotur taghhom huwa wiehed null u bla bazi.

Illi minghajr pregudizzju ghal dak suespost, jekk wiehed ghal grazzja tal-argument jidhol sabiex jikkunsidra jekk ir-ritrattandi ghandhomx ragun jew le dwar dak minnhom allegat u dwar il-bazi minnhom invokata ghar-ritrattazzjoni, bhala punt ta' tluq jrid bil-fors jibda sabiex jikkunsidra dak li gie ripetut *ad infinitum* mill-Qrati taghna u cioe` li r-rimedju ta' ritrattazzjoni hu wiehed straordinarju in kwantu jikkostitwixxi deroga tal-principju li sentenza li saret *res judicata* ghandha forza ta' ligi bejn il-kontendenti. Huwa ghalhekk illi dan ir-rimedju ghandu jigi interpretat b'mod restrittiv u ma jistax jigi nvokat jekk mhux fil-kazijiet specifici elenkati fil-ligi ***(Charles Michael Gauci vs Alfred Vella pro et noe*** deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-10 ta' Ottubru 2003 / ***Vincenza Mifsud et vs John Mary Grech*** - Qorti tal-Appell (Sede Superjuri)

deciza fis-6 ta’ Ottubru 1999 / ***Catherine Caruana et vs Anna Schembri et*** - deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta’ Ottubru 2003).

**L-ewwel subinciz invokat mir-ritrattandi - Artikolu 811 (e):**

Ir-ritrattandi jinvokaw dan is-subinciz b’rabta mal-konkluzjoni raggunta minn din l-Onorabbli Qorti dwar l-ammissibbilta` tal-azzjoni tal-esponent *ratione temporis* skont il-**Kapitolu 319 (artikolu 7**). Wara li jaghtu spjega dwar x’wassal li din l-Onorabbli Qorti sabiex tilqa’ l-ammissibbilta` tal-azzjoni tal-esponent huma jikkumentaw hekk (pagna 5 tar-rikors promotur):

*“jinghad bir-rispett illi hawnhekk il-ligi taghna, kif formolata fil-Kapitolu 319, la riedet u lanqas qalet illi jista’ jkun hemm xi forma ta' interpretazzjoni tal-artikolu 7 hemm citat”*

Jidher car ghalhekk illi l-ilment tar-rittratandi huwa dak li din l-Onorabbli Qorti interpretat hazin l-artikolu in kwistjoni. Madanakollu l-esponent josserva kif huwa ben risaput illi s-**subinciz (e) tal-artikolu 811** jigi sodisfatt meta r-ritrattand jirnexxilu jipprova li l-Qorti applikat ghal mertu in kwistjoni ligi zbaljata u cioe` ligi minnflok ohra u mhux meta l-Qorti tkun allegatament interpretat erronjament il-ligi applikabbli ghall-mertu in kwistjoni. Fil-kaz odjern ir-ritrattandi fl-ebda waqt m’huma qed jippretendu li din l-Onorabbli Qorti ma kienx imissha applikat l-**artikolu 7**, kif ghamlet permezz tas-sentenza hawn attakkata, huma qeghdin semplicement jippretendu li l-interpretazzjoni kien messha kienet dik kif minnhom pretiza u cioe` sabiex twassal ghal sejbien kontra l-ammissibbilta` tal-azzjoni tal-esponent. Tant hu hekk li huma <u>lanqas biss ghamlu accenn ghal xi artikolu iehor tal-ligi li kien messu gie applikat minnflok l-**artikolu 7** aktar il-fuq imsemmi</u>.

L-esponent hawnhekk jaghmel referenza ghal dak dikjarat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **“Joseph Difesa vs l-Awtorita` ta’**

**Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (deciza fis-6 ta' April 2005):

*"Hemm lok ghal smigh gdid fuq il-bazi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi mhux jekk il-Qorti tkun interpretat erronjament il-ligi applikabbli ghall-meritu quddiemha imma biss jekk tkun applikat ghal dak il-meritu ligi zbaljata u cjoe` ligi minflok ohra. Tant hu hekk li l-ligi stess timponi bl-**artikolu 816 tal-Kapitolu 12** illi fir-rikors tieghu r-ritrattand jispecifika liema ligi kien messha giet applikata mill-Qorti, u meta r-raguni hija applikazzjoni hazina tal-ligi l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien messha giet applikata".* Hekk gie deciz ukoll permezz ta' diversi sentenzi ohrajn fosthom dawk fl-ismijiet **"Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs David Vella noe"** (deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjun) fl-24 ta' Settembru 2004) u **"Philip Amato Gauci et vs Angelo Agius"** (deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Novembru 2003).

Ghal darb'ohra minghajr pregudizzju ghal dak sottomess aktar 'il fuq, l-esponent jikkontendi li din l-Onorabbli Qorti kienet perfettament korretta fil-mod li hija applikat l-**artikolu 7** fuq imsemmi ghall-fatti tal-kaz odjern u fil-mod kif hija hasset li l-mument li fih sehhet il-lezjoni tad-dritt li dwarha qed jilmenta l-esponent kien proprju fil-waqt illi r-ritrattandi talbu li jikkonvertu d-drittijiet taghhom minn dawk ta' utilisti temporaneji ghal utilisti perpetwi. Qabel dan il-waqt kien hemm biss dritt astratt li kien ghadu ma giex invokat u b'hekk certament li ma setax jkun leziv ghad-dritt fondamentali tal-esponent.

**It-tieni subinciz invokat mir-ritrattandi - Artikolu 811 (i):**

Dan is-subinciz li qed jigi invokat mir-ritrattandi jippermetti li tigi akkolta talba ghal ritrattazzjoni:

*"jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin"* Dan is-subinciz ghalhekk jitkellem dwar kontradizzjoni li tohrog mid-disposizzjonijiet tas-sentenza. Fil-fatt il-Qrati Maltin dejjem sostnew illi "*Sabiex fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xuxlin" ai*

*termini tal-**artikolu 811 (i) tal-Kap.12** tali kontradizzjoni trid tirrizulta pero` fid-dispozittiv tas-sentenza u mhux fil-konsiderazzjonijiet, anke jekk dawn tal-ahhar jistghu jkunu rilevanti biex jitfghu dawl u jidentifikaw tali kontradizzjoni.”* (Vide: ***Charles Michael Gauci vs Alfred Vella pro et noe*** - deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjun) fl-10 ta’ Ottubru 2003).

B’zieda ma’ dak aktar ‘il fuq enuncjat, il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet **“Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs David Vella noe”** (deciza fl-24 ta’ Settembru 2004) qalet hekk:-

*“Il-kontradizzjoni trid tkun tax-xorta li tippregudika l-esekuzzjoni tas-sentenza in kwantu toffuska d-decizjoni tal-Qorti u taghmilha pro tanto inezigwibbli. Jidher ghalhekk, li ghall-fini ta’ dan il-motiv il-Qorti m’ghandhiex thares lejn il-motivazzjoni tas-sentenza”.*

Applikat dan it-taghlim ghall-argument migjub mir-ritrattandi in sostenn tat-talba taghhom ghal ritrattazzjoni kif ibbazata fuq is-subinciz issa in ezami, jirrizulta kif huma m’humiex jallegaw kontradizzjoni fil-parti dispozittiva tas-sentenza minnhom attakata, izda qed jallegaw kontradizzjoni fil-kunsiderazzjonijiet moghtija minn din l-Onorabbli Qorti. Fil-fatt ir-ritrattandi jikkwotaw il-paragrafi 57, 58 u 65 mis-sentenza minnhom hawn attakata liema paragrafi jifformaw parti mill-kunsiderazzjonijiet moghtija minn din il-Qorti. Wara li jikkwotaw tali paragrafi huma jkomplu hekk: “Skont is-suespost jinghad bir-rispett kif gej” u jghaddu sabiex jaghmlu tliet domandi. Dan ifisser li tali domandi jitwieldu mill-paragrafi minnhom kwotati u cioe` mill-kunsiderazzjonijiet moghtija minn din l-Onorabbli Qorti u mhux mid-disposizzjonijiet maghmula fil-parti dispozittiva tas-sentenza.

Jirrizulta ghalhekk illi r-ritrattandi fl-ebda hin ma rnexxilhom juru kif jistghu jkunu ta’ kontradizzjoni ghal xulxin id-disposizzjonijiet moghtija mill-Qorti fil-parti dispozittiva tas-sentenza. In effetti, l-ebda kontradizzjoni ma tirrizulta mid-decide tas-sentenza u dan billi l-Qorti gustament l-ewwel iddikjarat li l-applikazzjoni tal-**artikolu**

**12 (4), (5)** u **(6) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta** fil-konfront tal-propjeta` mertu tar-rikors promotorju jilledi d-dritt fondamentali tal-esponent ghat-tgawdija tal-possediment pacifiku tal-propjeta` tieghu kif protett mill-**artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea** u sussegwentement iddikjarat bhala minghajr effett ghall-fini u effetti kollha tal-ligi u ghalhekk mhux ezegwibbli s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet **"Mary Vella et vs. Josephine Bugeja et"** (citazz. 432/86 JSP).

Jigi sottomess bir-rispett kif ir-ritrattandi, wisq anqas irnexxilhom jippruvaw li d-disposizzjonijiet fuq imsemmija b'xi mod jistghu jippregudikaw l-esekuzzjoni tas-sentenza jew jirrendu inezegwibbli s-sentenza in kwistjoni. Huma llimitaw ruhhom li jaghmlu certu kweziti, minghajr ma juru l-effett tal-kweziti hekk maghmula fuq l-effikacja tal-parti dispozittiva tas-sentenza. Fil-fatt huma ma setghux juru tali effett ghaliex dak minnhom mistoqsi ma jbiddel xejn mill-konkluzjonijiet raggunti minn din l-Onorabbli Qorti u cioe` illi ghalkemm l-**artikolu 12 (4), (5)** u **(6)** ma giex dikjarat bhala null u invalidu fil-ligi, l-applikazzjoni tieghu fil-konfront tal-propjeta` tal-esponent wassal sabiex jilledi d-dritt fondamentali tieghu u li sabiex wiehed joffri rimedju konkret ghal tali lezjoni, is-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2001 kellha tigi dikjarata bla effett kwalunkwe u cioe` li ma torbotx lill-esponent odjern, li jista' ghalhekk facilment u minghajr ebda diffikulta, *in vista* tas-sentenza hawn attakkata, jghaddi sabiex jenforza d-drittijiet tieghu fir-rigward tal-propjeta` in kwistjoni.

*In oltre*, jigi wkoll sottomess illi l-kweziti mressaq mir-ritrattandi fil-pagni 7 u 8 tar-rikors promotur taghhom holquhom konvenjentement l-istess ritrattandi billi estrapolaw partijiet mill-kunsiderazzjonijiet ta' din l-Onorabbli Qorti barra mill-kuntest taghhom. Tali kweziti jsibu risposta facli jekk minnflokk ma jittiehdu barra mill-kuntest taghhom, jigu ezaminati fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fl-assjem taghhom u mill-parti dispozittiva tas-sentenza in kwistjoni.

Illi minn dak kollu aktar ‘il fuq sottomess jirrizulta b’mod ampju li ebda wiehed mis-subincizi tal-**artikolu 811 tal-Kap. 12** invokati mir-ritrattandi ma japplikaw fil-kaz odjern u l-allegazzjonijiet minnhom migjuba jservu biss ta’ pretest sabiex joholqu ghalihom tribunal tat-tielet istanza anke jekk dan m’huwiex permess mil-ligi.

Ghaldaqstant, l-esponent bir-rispett jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrigetta t-talba ghas-smigh mill-gdid tal-kawza billi tikkonferma s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta’ Dicembru 2009 fl-ismijiet fuq premessi bl-ispejjez kontra r-ritrattandi inkluz tal-proceduri odjerni.

Rat in-nota tas-Sinjorija Tieghu l-Prim Mhallef Vincent De Gaetano, tal-Onorevoli Mhallef Joseph A Filetti, u tal-Onorevoli Mhallef Geoffrey Valenzia datata 10 ta’ Mejju 2010 a fol 23 tal-process li astjenew milli jiehdu konjizzjoni ta’ din ir-ritrattazzjoni peress li dan il-kaz hu bazat fuq il-**paragrafi (e) u (i) tal-artikolu 811 tal-Kap 12.**

Rat in-nota tal-Onorevoli Mhallef Giannino Caruana Demajo datata 17 ta’ Mejju 2010 fejn ordna li l-kawza ghandha tinstema’ mill-Qorti Kostituzzjonali komposta mill-Onorevoli Mhallef Albert J. Magri li ser jippersjedi, l-Onorevoli Mhallef Raymond C. Pace, u l-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef.

Rat l-atti kollha tal-kawza fl-ismijiet **“Josephine Bugeja vs Avukat Generali et”** (1/02TM) deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta’ Ottubru 2008.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-istess kawza citata datata 7 ta’ Dicembru 2009 fl-ismijiet **“Josephine Bugeja et vs Avukat Generali et”** u l-atti kollha relattivi.

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esebiti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta u d-digrieti relattivi fejn din il-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza ghas-seduta tallum.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jirrizulta li din hija kawza ta' ritrattazzjoni u r-ritrattandi qeghdin jibbazaw it-talba taghhom ghal ritrattazzjoni fuq is-**subinciz (e) u (i) tal-artikolu 811 tal-Kodici ta Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta)** u b'hekk qed jallegaw illi s-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti tikkontjeni applikazzjoni hazina tal-ligi kif ukoll disposizzjonijiet kontra xulxin skont l-imsemmija disposizzjonijiet.

Illi dwar l-istess jinghad  qabel xejn li huwa principju sancit fil-gurisprudenza nostrali u affermat fis-sentenza **"A vs B"** mill-Qorti tal-Appell tas-17 ta' Gunju 1997 (Vol. LXXXI. ii. 541) illi *"r-rimedju ta' ritrattazzjoni jibqa' wiehed straordinarju u l-kazijiet li fihom jista' jinghata kif ikkontemplat specifikatament mill-ligi ghandhom jigu interpretati ristrettivament".* (**"Av. Dott. P.M. Valletta LL.D. noe vs J. Tanti"** - A.K. 20 ta' Mejju 1994 - LXXVIII. ii. 84) **"Joseph Zammit vs Carmelo Dingli et"** (P.A. (RCP) – 24 ta' Jannar 2001); **"Mildred Frendo vs Loris Bianchi proprio et nomine"** (A.C. – 12 ta' Mejju 2003).

Illi fil-kawza **"Rev. Don Giuseppe Aquilina vs Francesco Aquilina"** (A.C. – 18 ta' April 1958 – Vol. XLII.i.227) kwotata wkoll fis-sentenzi **"Mark Causon vs Carmel Portelli nomine et"** (A.C. – 7 ta' Marzu 1992); **"Karmenu Mifsud Bonnici nomine vs John Scicluna nomine et"** (A.C. – 26 ta' April 1993); **Salvino u Mario ahwa Testaferatta Moroni Viani et vs David Vella nomine"** (A.C. – 24 ta' Settembru 2004) u **"Mario Gauci et vs Joseph Gauci"** (A.C. (RCP) – 30 ta' Ottubru 2008) inghad li f'kawza ta' ritrattazzjoni wiehed ghandu dejjem:-

*"izomm quddiem ghajnejh it-twissija li ghamlet (il-Qorti tal-Appell) (Vol. XXI.i.798) dwar l-indoli straordinarja ta' dan ir-rimedju ta' ritrattazzjoni; lumeggat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut ampjament*

*rikapitolati, anki b'referenza ghar-rapport tal-Kummissjonarji, fis-sentenza fil-Vol. VI p. 365, u li jgib bhala konsegwenza logika li r-regoli li jiggovernaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVII.i.818) [ ... ] ma jistax jigi permess li, taht il-pretest tar-ritrattazzioni, il-litigant sokkombent jerga' jiftah il-kawza u b'hekk, kif qalet is-sentenza fil-Vol.VI fuq citata, jigi ndirettament krejat tribunal tat-tielet istanza".*

Illi tenut kont tal-premess jirrizulta li t-talba ta' ritrattazzjoni odjerna qed issir minn sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **"Josephine Bugeja et vs Avukat Generali et"** (Q.K. – 7 ta' Dicembru 2009) fejn gie (1) ddikjarat li l-applikazzjoni tal-**artikolu 12 (4) (5) u (6) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta** ghall-proprjeta' imsemmija fl-istess rikors promotorju tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti appellanti (u illum Raymond Bugeja) ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha (tieghu) kif protett bl-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja,** u (2) iddikjarat li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet **"Mary Vella et vs Josephine Bugeja et"** (Citaz. Nru. 432/86 JSP) hija, b'effett mil-lum, minghajr effett ghall finijiet u effetti kollha tal-ligi u ghalhekk mhux ezegwibbli.

Illi ghall din it-talba ir-ritrattat Raymond Bugeja ressaq diversi eccezjonijiet u izda preliminarjament oppona ghal din it-talba peress li sostna li fuq l-iskorta tas-sentenza fl-ismijiet **"Domenico Savio sive Savio Spiteri et vs Avukat Generali et"** (P.A. (QK) – 20 ta' Frar 2003) gie ritenut li ma hemm l-ebda disposizzjoni li tippermetti smigh mill-gdid ta' kwestjoni ta' natura kostituzzjonali, u allura ma hemm l-ebda dritt ta' ritrattazzjoni minn decizjonijiet dwar proceduri mehudin ghar-rimedju dwar allegat ksur ta' jedd fondamentali mahsub taht il-**Kap.IV tal-Kostituzzjoni** jew taht id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi jidher li din kienet is-sitwazzjoni dak iz-zmien meta l-**artikolu 811** kien jipprovdi li hemm bazi ta' ritrattazzjoni *"minn sentenza moghtija fi grad ta' appell"*, u permezz tal-

**artikolu 812** *"minn sentenza moghtija minn qorti tal-ewwel grad".* Pero' llum wara l-emendi li saru bl-**Att XXII tal-2005** u tal-**Att VII tal-2007** l-**artikolu 811** jipprovdi li hemm lok ta' ritrattazzjoni fuq ir-ragunijiet hemm indikati minn *"Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell jew Qorti Civili, Prim Awla, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha",* u dan allura ifisser li ghalkemm jirrizulta li llum hemm dritt ta' ritrattazzjoni anke minn sentenza tal-Prim Awla fil-kompetenza Kostituzzjonali, izda ma hemm l-ebda dritt ta' ritrattazzjoni minn decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, u ifisser li l-legislatur ma riedx jissoggetta d-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali ghar-ritrattazzjoni bl-istess mod tas-sentenzi tal-awtoritajiet gudizzjarji l-ohra. B'hekk il-konkluzzjoni hija li l-legislatur ma pprovidiex ghar-rimedju straordinarju ta' ritrattazzjoni minn decizjoniijiet tal-imsemmija Qorti Kostituzzjonali u ghalhekk din ir-rikors promotur ma huwiex permessibbli bil-Ligi u huwa wiehed null u bla bazi.

Illi jinghad ukoll, ghall-grazzja tal-argument, li anke kieku jigu kkunsidrati <u>fil-mertu</u> t-talba tar-ritrattandi hija bla ebda bazi legali u dan meta t-talba tieghu tigi ezaminati abbazi tal-**artikolu 811 (e) u (i) tal-Kap 12.**

Illi dan ghaliex l-**artikolu 811** jipprovdi li *"Kawza deciza b'sentenza moghtija fil-grad ta' appell tista', tigi fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha nteress, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza…..*

*(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin; ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-ligi, basta li l-kwistjoni <u>ma tkun dwar interpretazzjoni</u> ta' ligi, li fuqha, l-qorti tkun espressament tat decizjoni".*

Illi dwar dan jinghad li fl-**artikolu 816** jinghad li fir-rikors (li bih jintalab it-thassir tas-sentenza u s-smigh mill-gdid tal-kawza) …..meta r-raguni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata **("Mary Zammit vs Rosemary Gonzi et" -** A.C – 28 ta' Novembru 2008).

Illi fil-kaz odjern l-ilment fuq dan il-punt huwa li r-rikorrenti odjerna qed tghid li l-Qorti Kostituzzjonali zbaljat meta ddecidiet li l-azzjoni hija ammissibbli *rationae temporis* minkejja dak li jipprovi l-**artikolu 7 tal-Kap. 319** fejn jinghad li *"ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali mwettaq qabel it-30 ta' April 1987, ma ghandu jaghti lok ghat-tehid ta' azzjoni taht l-artikolu 4 ta' dan l-Att",* u dan ghaliex skont r-ritrattand kif formulat l-istess artikollu dan huwa car fih innifsu b'dan li l-ligi *"la riedet u lanqas qalet illi jista' jkun hemm xi forma ta' interpretazzjoni tal-artikolu 7 hemm citat",* u allura meta inghad li inghad li huwa l-ezercizzju tad-dritt fil-prattika u b'mod konkrett li jista' jaghti kaz ghall ksur tad-dritt fundamentali b'riferenza ghall dan l-artikolu, dan kien ghall kollox zbaljat, ghaliex skont l-istess disposizzjoni dan id-dritt ma kien qatt jezisti skont il-ligi stess li welditu bl-**Att XXIII ta' l-1979.**

Illi dan juri li l-ilment odjern huwa bbazat fuq interpretazzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali tat tal-istess artikolu u dan ma jissodisfax l-elementi tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12** u dan ghaliex kif deciz fis-sentena **"George Xuereb v. Dorothy Xuereb"** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-20 ta' Jannar, 1992 *"hemm biss lok ghal ritrattazzjoni ……. taht is-subinciz (e), jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, il-Qorti (tkun) applikat artikolu tal-ligi flok iehor li kellu jkun proprjament applikat."* Fil-fatt l-**artikolu 816 tal-Kap. 12**, jispecifika x'ghandu jkun fih l-att promotorju ta' ritrattazzjoni bazat fuq dan is-subinciz, jghid espressament li meta r-raguni ghar-ritrattazzjoni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi *"l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata."*

Illi issa fil-kawza **"Carmelo Busuttil vs Mary Gauci et."** deciza fl-24 ta' Jannar, 1997, l-Onorabbli Qorti tal-Appell qalet a propositu:-

*"Hu ormaj pacifiku li biex il-Qorti tiddeciedi jekk ikunx hemm jew le applikazzjoni hazina tal-ligi ghal fini ta' ritrattazzjoni ma ghandhomx jergghu jigu ezaminati u evalwati l-fatti tal-kawza u ma jistghux dawn jergghu jigu*

*interpretati ... Hemm applikazzjoni hazina tal-ligi fit-termini ta' dan is-subinciz mhux meta jkun hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi applikabbli ghall-fatti imma biss meta ma tkunx giet applikata l-ligi gjusta ghal dawk il-fatti."*

Illi jidher car minn dan kollu li l-ilment tar-ritrattand f'dan il-kaz huwa sempliciment li saret interpretazzjoni hazina tal-artikolu in kwistjoni u ghalhekk ma huwiex dak li l-Qorti applikat ligi minflok ohra; fil-fatt ir-ritrattand ma indikax artikolu iehor li kellu japplika minflok l-**artikolu 7**, izda qed jippretendi biss li l-interpretazzjoni tal-istess messha kienet dik suggerita minnu. Ghalhekk ma hemmx lok ta' applikazzjoni tal-**artikolu 811 (e)** ghaliex dan jghodd biss meta l-Qorti tkun applikat ligi minflok ohra u mhux meta jigi allegat li nghatat interpretazzjoni hazina tal-ligi medesima (**"Reginald Micallef et nomine vs Godwin Abela et nomine"** (A.C. – 3 ta' Gunju 1994); **"John Bugeja nomine vs Kummissarju tal-Artijiet"** (A.C. – 15 ta' Jannar 2002); **"A.I.C. Joseph Barbara vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici"** (A.C. – 17 ta' Frar 2003); **"Guido J. Vella A & CE vs Dr. Emanuel Cefai LL.D."** (A.C. – 27 ta' Marzu 2003); **"Commonwealth Educational Society Limited vs Adraina Camilleri"** (A.C. – 2 ta' Gunju 2003); **"Charles Michael Gauci vs Alfred Vella proprio et nomine et"** (A.C. 10 ta' Ottubru 2003"); **"Joseph Difesa vs Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (PS) – 6 ta' April 2005; **"Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs David Vella nomine"** (A.C. – 24 ta' Settembru 2004); **"Philip Amato Gauci et vs Angela Agius"** (A.I.C. (PS) – 24 ta' Novembru 2003); **"Edrichton Holidays Limited et vs Emanuel Vella et"** (A.C. – 7 ta' Lulju 2006); **"Emanuele Barbara et vs Salvino Bugeja nomine"** (A.C. – 2 ta' Mejju 2008); **"Jeffrey Mizzi et vs John Micallef et"** (A.C. – 2 ta' Lulju 2010). Kif jithaddem u fejn japplika dan l-artikolu huwa manifestat fis-sentenza **"Joanne Fenech vs Mario Lagana et"** (A.C. – 26 ta' Marzu 2010). B'hekk in kwantu it-talba ta' ritrattazzjoni hija bbazata fuq l-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12** din hija kompletament bla ebda fundament legali.

Illi r-ritrattand jghid ukoll li hemm kaz ta' ritrattazzjoni ghaliex hemm fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali hemm disposizzjonijiet kontra xulxin allegatament skont dak li jipprovdi l-**artikoli 811 (i) tal-Kap. 12**.

Illi skont l-istess ritrattandi dan huwa hekk ghaliex l-ewwel sostniet li l-applikazzjoni tal-**artikolu 12 (4) (5) u (6) tal-Kap. 158** f'kull kaz iwasslu sabiex jintemmu d-drittijiet tal-padrun dirett izda mbaghad sostniet li l-applikabbita' tal-istess fil-kaz biss li kellha quddiemha kien jimporta ksur tal-**artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea** hawn issir riferenza ghal dak li inghad mir-ritrattand fir-rikors tieghu dwar dak li huwa sejjah bhala *"2. Id-disposizzjonijiet fis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti".*

Illi din il-Qorti thoss li dan l-ilment ma jaghtix bazi ghar-ritrattazzjoni taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (i) tal-Kap. 12** u dan ghaliex l-allegata kontradizzjoni lamentata u li ghaliha l-ligi qed tirreferi, trid tirrizulta fil-parti disposittiva tas-sentenza u mhux mill-konsiderazzjonijiet, li ovvjament ma huwiex il-kaz odjern.

Illi ineffetti fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Charles Michael Gauci vs Alfred Vella pro et noe et"** (A.C. - 10 ta' Ottubru, 2003) inghad li:-

*"Din il-kontradizzjoni trid tirrizulta pero` fid-dispozittiv tas-sentenza u mhux fil-konsiderazzjonijiet, anke jekk dawn ta' l-ahhar jistghu jkunu rilevanti biex jitfghu dawl u jidentifikaw tali kontradizzjoni".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Carmelo Busuttil vs Mary Gauci et"** (A.C. - 24 ta' Jannar 1997 – Vol. LXXX.ii.188); **"Marie-Louise Muscat Inglott et vs Louis Manduca" (**A.C – 6 ta' Dicembru 2002) u **"Julian Sammut et vs Mary sive Marlene Mizzi et"** – A.C. – 30 ta' Gunju 2003). Illi fil-fatt jinghad li s-sinifikat tal-istess **artikolu 811 (i)** huwa proprju ghaliex ikun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin fis-sentenza l-istess sentenza ma' tkunx tista' tigi esegwita jew fl-intier taghha jew parti minnha (**"Camilleri vs Bezzina"** – Vol.

XLII.i.264); **"Tug Malta Limited vs S. Mifsud and Sons Limited"** (A.I.C. (RCP) – 26 ta' Novembru 2009).

Illi fil-fatt fis-sentenzi **"Joseph Borg et vs Carmela Muscat et"** (A.C. – 30 ta' Marzu 2001) inghad illi hemm biss lok ta' ritrattazzjoni meta hemm disposizjonijiet kontra xulxin meta:-

*"…fis-sentenza jkun hemm decizjonijiet kontradittorji illi jirrendu difficli jekk mhux impossibbli l-ezekuzzjoni taghha. Jekk jigifieri s-sentenza tkun tali illi ma tkunx kjarament leggibbli l-volonta' espressa tal-Qorti kif kellhom jigu regolati d-drittijiet u l-obbligi bejn il-kontendenti fit-termini tat-talbiet u l-eccezzjonijiet moghtija. L-inkonsistenza fid-disposizzjonijiet kellha essenzjalment tokkori f'dawk l-elementi li flimkien jikkostitwixxu d-decide tas-sentenza u kellha tkun wahda gravi sal-punt li tirrendi l-gudikat incert jekk mhux adirittura inkomprensibbli"*

Illi dan kollu gie kkonfermat mill-gurisprudenza kostanti nkluza dik fis-sentenza **"Emanuel Demanuele et vs Fast Food Services Limited"** (A.I.C. (PS) – 2 ta' Gunju 2003) u minn dan kollu ovvjament fis-sentenza mertu tal-procedura odjerna m'hemm assulutament xejn. Fil-fatt kull ma r-ritrattand qed jallega huwa li hemm kontradizzjonijiet fil-konsiderazzjoni tal-istess decizjoni mertu ta' dawn il-proceduri, u ma hemm l-ebda allegazzjoni ta' xi kontradizzjoni fid-decide tas-sentenza, jew li b'xi mod hemm xi haga fis-sentenza li tirrendi l-istess inezegwibbli. B'hekk din il-lamentela lanqas taqa' fil-parametri tal-**artikolu 811 (i) tal-Kap. 12.** Mhux hekk biss izda din il-Qorti zzid tghid li ma tistax tara lanqas ebda kontradizzjoni wkoll fid-disposizzjonijiet tal-istess decizjoni citati bhala allegatamwent kontradittorji mis-socjeta' rikorrenti. **("Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs David Vella nomine"** – A.C. 24 ta' Settembru 2004). Ghalhekk din il-bazi ta' ritrattazzjoni fuq id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (i) tal-Kap. 12** hija wkoll bla ebda fondamdament legali.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tar-rittrattat datata 23 ta’ April 2010 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad it-talba tar-ritrattandi Margaret Valletta et fir-rikors tar-ritrattazzjoni taghhom datat 8 ta’ Marzu 2010** peress li huwa infondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra ir-ritrattandi Margaret Valletta et.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------